# IN-NAHLA

TA

## AUGUSTIN LEVANZIN

**RIVISTA PERIODICA ANGLO - MALTIA**

**BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.**


**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Gieba zewg dac li gharaf hallat il helu mal mehtieg.*
IL POETA LATIN ORAZIU.


**185 (6) IR-RABA SENA SOLD BISS**

DIRETTUR-PROPRIETARIU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH., LL.B., D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loggia, Rahal G'did, Malta.

MANAGER U CAXXIER: CARMENU CONSIGLIO
48, It-Triek ta Sant' Anton, il Birgu

ABBONAW *ghand il Prof. Levanzin, fl'Unione Tipografica Maltese, 28, Str. Cristoforo u fil Libreria Critien, Str. Reale, il Belt.*
HLAS—*Erba xelini cull tnejn u hamsin numru; zewg xelin cull sitta u ghaxrin numru; xelin cull tlittax in-numru, bil kud diem, posta barrania. Tistghu tibaghtu bhala hlas bolli tat-tlieta*


## IL PROGETT EBEYER

—o—

Dal g'ranet, fi Strada Reale, chelli il piacir cbir li niltaka mas-Sur Gaudenz Ebeyer li tighu cont ili tant nixtiek naghmel il conoxenza personal. Meta cont imsiefer yena krayt chemm il darba fuk il famus progett tighu, izda billi katt ma sar xeyn seriu fuk dan il progett ghal tant u tant snin twal yena, nghidilcom il verità, hsibt li chien xi holma u ma chienx yimmeritah li wihed yihdu bis-serietà u yghaddih il kuddiem. Izda minn mindu meddeyt rig'li fuk din il Gzìra tant mahbuba tighi yena bdeyt chiss-in-chiss ingharrex u nitchixxef xi hag'a fuk dan il progett halli nara yecc ux tassew li yista yaghmel tant gid lill poplu u yecc yistax ytaffi ftit il kghad icreh u il ghacs kalil li awn fil pais; u billi thadditt ma hafna nies serii u onesti u li x'uhud minnom yafu ucoll x'inù, taht giurament, il progett, u mil librett li ghandi kuddiemi mahrug' mis-Sur Ebeyer stess icconvinceit ruhi li il progett ù mux biss hag'a seria hafna izda ucoll li yista ycun ta gid immens ghall pais.

Ghalecc yena seyer mux biss nicteb fuku fit-tul ferm halli nfehimcom tayeb x'inù sa feyn naf u x'yista ycun sa feyn nista nobsor sewwa, izda bi hsiebi ucoll niddefendih b'hilti coll'a u mux bil pinna biss izda ucoll bil fomm billi bi hsiebi cull n'ar-ta-Hadd fil ghodu, fil ghaxra, indur l'irhula principali coll'a ta Malta u mbaghad ta Ghawdex ucoll halli naghmel meetings cbar biex inkankal il povru poplu mahkur, maghcus u mgewah halli nusaw, bil legalità u bi quiet collu, pression chemm nistghu fuk il Gvern tal Compact halli yfittex ighaddi dana il progett il kuddiem u ytaffi ftit mil g'uh u mil kghad coroh li awn u li uma il causa ta hafna immoralità u rvina ta hafna nisa u xebbiet u ta hafna criminalità ucoll u tfal tlaleb li ygibulec hniena, billi mal g'uh ma yirragiuna hatt u katt.

Nitlob il dawc coll'a li yistghu yatuni xi dawl yew xi ghaynuna halli dana il progett isehh mil actar fis li yaghmluh bla spiritu ta partit u bla animosità personal leya, biss ghall gid ta dan l'imseychen pais li ù fuk ix-xifer ta abiss u halli ntaffu ftit il g'uh u l'immoralità taz-zghazah li awn.

Gaudenz Ebeyer ù ragel seriu hafna u meta tchellmu tintebah munnufih li ù bniedem ta esperienza u ta sincerità cbar. Ghayb li ù ecc timidu u modest u li ghalecc dawc li setghu u li chien imissom ghinuh ghaddew biss iz-zmien bih halli ma yehux ù l'unur tal progett u halli ma yacquistax ua il gloria u il popolarità u il beneficiu zghir li talab minn dana il progett famus.

Il Gvern sahta u boya tal ecc imseyah, per ironia, Nazionalismu beda biex usa fuk Ebeyer dic l'arma viliacca u baxxa li usa u ked yusa fuki ucoll ghad li bla effett ta xeyn, li meta ma ysibx x'yattacca seriu bil fatti u id-documenti contra bniedem onest u difensur tal poplu, yiehdu biz-zuffiett u yghayru "mig'nun"!

Altru milli mig'nun Ebeyer! Ebeyer ù geniu u billi dawn il hafna ryus ta kar'a ahmar ma yifmuhx yew yecc yifmuh ma yahmluhx imhabba is-superiorità intellettual tighu yoboghduh u yfittxu yekirduh halli yibkghu uma ipappu il paniotta u yiddominaw bil grass mokziez ta zakkom fuk il merhla nghag' imwerwra u sfrattata u mgherfxa tal poplu. Certament il Gvern-Sahta-t'Alla-u-Boya-ta-Paisu-Nazionalista katt ma sata yippermetti li dan il povru haddiem u bìn il poplu Ebeyer yaghmel success ghall gid tal poplu u yifdi il Gzira mil ghacs u il g'uh billi chien yitfi lilom u billi chien yittrionfa ma Ebeyer il popolin u il haddiem chien iwakka lilom minn fuk is-siggiu tal bellus u b'ecc ma yibkghux yerdghu il paniotta minn halk il poplu.

Mela il Progett Ebeyer l'ewel ma yattacca bl'icreh ù l'interess mux biss tal Aristocrazia Nazionalistica izda ucoll il vanità tahhom, u dawna il hafna siniuri li ghandom tant gid u renti u li kieghdin yerdghu tant flus u salarii guappi minn fuk dahar il fkir, ma yakblilom katt u katt u katt illi yerfghu il fkir mil miseria li yinsab fiha biex meta dana icollu il forza tal flus u id-dawl li dina iggib mahha igherbibom minn emm fuk halli yitla yahchem il pais ua ghall gid tal popolin u tal haddiem.

Il popolin u il haddiem ghandom bzonn li yibdghu biex yifmu dil hag'a sewwa, li l'interessi tahhom uma l'oppost ta dawc tan-nobiltà, tal aristocrazia, tal bourgeoisie possidenti, tal Cleru siniur u mux tal Cleru fkir u batut, tal professionisti u insomma ta dawc coll'a li sal-lum hacmuh, mexxewh u ghal taparsi dawluh, ghallmuh u kabzu ghalih—gol fondi bwietom!

Dana l'antagonismu tal interessi tal classi diversi tas-società la ì hag'a g'dida u lankas locali. Minn mindu

inholkot id-dinya min chellu il forza f'ideyh hakar u ghacches il min chien dghayef, cull min chellu il flus usahom biex hataf actar, bis-sewwa yew bil kerk, minn ghand haddiehor, cull min chellu yew ghandu mohh fin u tayeb yusah generalment, u b'eccezioni zghar, ghal gid tighu in-nifsu, ta niesu, ta hbiebu, tal classi tighu, tal partit tighu, u mux tal fkar, tal ghomya, tad-dghayfin tal classi opposta. Cullhadd fid-dinya yig'bed in-nar leyn xawattu u ftit uma dawc li ghandom il mohh, il gid, il hila u il kalb generusa u tabya, li yissacrificaw l'interessi tahhom u tal classi tahhom u ta demmom stess biex yakbzu ghall poplu, biex yitilghu sa fuk il forca, yew yig'u mahrukin hayin f'nofs ta misrah kalb is-sahta sewda ta cullhadd, yew ininu irkiek irkiek bit-tuberculosi f'kih ta habs umidu u mudlam ghal hafna snin twal u kliel biss biex yiddefendu il popolin u il haddiem, biss biex yaghmlu ftit tal gid lill paisom anche a dannu tahhom stess.

Dawn uma l'Eroi tas-Secoli, il Martiri tal Altruismu li isimom idawal id-dinya u li a dispett tal Egoisti u tat-Tiranni u tas-Sanghisughi mokzieza, ma ymut katt, anzi yigi, bil mod il mod, usat bhal torcia dawalia li tmixxi il popolin u il haddiem ma tul it-triek coll'a xewc u hotob tal fidwa tighu sa yilhak dic is-setgha u dac id-dawl li ghad iridu yifduh mil yasar kalil ta tant secoli horok li dawn li Lpup zammewh deyem fih.

Il Progett Ebeyer mux biss hareg' minn mohh wihed tal poplu izda ù l'ahyar arma biex tifdi il poplu minn dan il yasar, u ghacs u g'uh u miseria u inioranza li ilu tant isofri u yinsab fihom, u ghalecc ì tassew bluha cbira li il popolin u il haddiem yahseb u yittama li dawna il monopolizzaturi tas-setgha u tal gid tal pais seyrin yissacrificawhom ghall collox u ghall deyem u yigiu fil posizion inferiur uma biss ghall ideal, sabih izda kalil, li yittrionfaw il popolin u il haddiem u il fkir u il maghcus u id-dghayef contra l'interessi vital tahhom stess.

Dina ì impossibilità umana u ù stupidu u ibleh u iniurant minn yahseb xort'ohra. *Homo homini lupus*, il bniedem ù il lupu tal bniedem, din ì in-natura umana tal cotra, u ftit li xeyn uma l'eccezioni, u meta insibu xi hadd different ghalecc l'ewel nidhku bih, ninsultawh fit-torok, u sahansitra fl'Università, il fortizza tal parassiti-sanghisughi-dallamin, inghodduh ta mig'nun u ta infami halli nekirduh minn kalb u mohh il popolin u il haddiem li gie yifdi u ydawal contra l'interessi mokzieza u paniottistici ta li Lpup. Ghalecc ù sball cbir u ohxon hafna li il haddiema u il popolin yahtru bhala rappresentanti fil Gvern, bhala mexxeya tahhom membri ta dina il classi naturalment antogonistica fl'interessi l'actar vital tahha leyn dic tal popolin u tal haddiem, biex imexxuom yew yiddefendu l'interessi tahhom yew biex idawluom yew biex yiddifenduom contra il classi setghana u monopolizzatrici u egoista u tiranna u ghania hafna u izzeyed tahhom stess. Dan ù contra in-natura umana u contra in-natura umana ma yista yittrionfa u yirnexxi xeyn bla hafna sacrifici cbar u secoli shah ta fidwa u battalii kliel.

Mela li il popolin u il haddiem, l'istess nies tal classi ta Ebeyer, yitimghu u yistennew li il classi professionista-aristocratica-nobili-clericali-intellettuali-ghania u dominatrici tal pais ticcommetti *hari-kari*, suicidiu billi tiftah zakka minn isfel sa fuk bhal ma yaghmlu il Giappunisi, biex tghin il classi opposta tal proletariat u ittellahha fuk it-tron ta glorya u ta setgha li fuku tinsab ìa minn tant secoli twal, ì assurdità, ì stupidità, ì inioranza, ì impossibilità mil cbar.

Ghalecc il haddiem ghamel u ghadu yaghmel sball li yhalli min yimmanigg'alu l'affariet tighu, lit-tobba, lill avucati,lill cummercianti,lill Professuri,lill periti, lin-nobbli, lil li spiziali, lin-nutari u x'naf yen. Dawn yindehsu mal poplu biex imixxuh scond l'interessi tal classi tahhom u mux tighu, ma yistax icun xort'ohra, u biex yidhku bl'inioranza tighu biex yapprofittaw ruhhom chemm yifilhu minna u biex yerdghulu demmu irkiek irkiek fil hin li yaghmluh yallucina ruhu bhal mibluh halli yapplawdihom u ygerrihom mat-torok fost deliriu ta ferh u ta trionf.

Le, meta yittrionfaw dawn ma tcunux kieghdin tittrionfaw intom izda tcunu kieghdin thaffru actar fond il kabar tal libertà, tal interessi vital, tal haya u il fidwa taghcom, ya boloh li tifirhu biss meta takilghu yew yakilghulcom ghayneycom!

Dana kighed nictbu mux biex inxewex u nahmi ghaliex dan ma ù xeyn g'did yew mahluk minni izda ì storya antica hafna feim, izda ghaliex ù essenzial hafna, ghaliex ì biex inghid ecc il basi tat-trionf tal Progett Ebeyer ghall gid tal popolin u tal haddiem.

Li ll popolin u il haddiem yistenna li progett ta bin il poplu—Ebeyer, u ghall gid tal popolin—u tal haddiem bhal ma ù dan il progett yigi immexxi il kuddiem u eseguit yew ittrionfat mil clicca dominatrici li ghandna illum tahchem u triegi id-destin tal popolin u tal haddiem specialment ì impossibilità cbira yecc mux assoluta billi ma yistax icun li wihed yati mus tal-lehya f'ideyn dawn id-dominaturi-parassiti-sanghisughi u yitlobom yaktghu ghonkom bih. Is-sentiment tal esistenza propria ù l'actar wihed f'kalb il bniedem u dawna il ghonia u setghana li kieghdin yerdghu demm il pais certament u naturalment ma umiex angeli actar minn haddiehor u maghg'unin minn sostanza diversa mid-demm u il-laham li ahna, ulied Adam u Eva, ahna maghg'unin minnu ilcoll.

Ghalecc dawna id-dominaturi tal pais ma uma kieghdin yaghmlu xeyn li ahna ghandna noboghduhom yew niccastigawhom bl'ahrax ghalih billi uma miexyin scond in-natura umana u l'egoismu tal interessi tahhom, ta niesom u krabatom, ta hbiebom u tal classi tahhom f'loc li yiccommettu is-suicidiu li l'ebda ghakli u gharef ma yitlobom yiccommettu li yissacrificaw l'interessi u il haya tahhom u tal classi tahhom biex yig'u minn taht uma u yibkghu isofru dac collu li kieghdin issa isofru l'ohrayn.

Li sball ù ta dawc li yippretendu is-sentiment tal paternità, tal protezion, tal hniena, tal carità, tal ghaynuna, tad-dawlan, tal cooperazion u tad-difisa minn dawc li scond in-natura umana u l'interessi sociali yakblilom yibkghu rig'lom fli staffa u li ycomplu yiddominaw il pais halli yerdghulu demmu u ycomplu yismnu actar milli uma fuku.

Mela dina ì l'essenza tas-success yew le tal Progett Ebeyer ghall gid yew le tal popolin u tal haddiem, tal fkir u tal maghcus, tad-dghayef u tal iniorant; li il classi li minna hareg' dana il progett ghall gid tal popolin u tal haddiem ghanda tmexxi dana il progett ia stess u mux terhih f'ideyn l'ghedewa naturali tahha billi dawna mux biss yidhku bihom baxx baxx u beynietom fil clubs u fis-sala tal Arazzi u yghadduom biz-zmien bhal ma gia ghamlu ghall tant snin twal b'Ebeyer izda ucoll bil mod il mod, a dispett tal giurament li hadu, yimitaw bhal ma gia ghamlu u kieghdin yaghmlu x'uhud li yafu x'inù il progett l'idei ta Ebeyer, u yehdu il glorya uma, u yhaxcnu bwietom bil profitti tighu, u yacquistaw actar setgha u popolarità mal poplu halli yzommom fil Cuccagna a dannu tal poplu.

Ebeyer ghamel sball cbir li fada is-segriet u id-destin tal progett tighu f'ideyn l'ghedewa tighu u tal poplu billi dawn l'ewel ifittxu yekirduh u ywarrbuh minn nofs biz-zuffiett u bl'insulti u billi yghodduh ta mig'nun u mbaghad meta ma yirnexxilomx dana yattaccawh bl'infamia tal ghideb u tal insulti l'actar coroh u meta dawna ma ycunux bizzeyed biex yisfrattawlu collox a dannu tal poplu, yehdulu il progett f'ideyhom halli yillusingawh bla ma yaghmlu katt xeyn, sà yakta kalbu, sa ymut, sa forsi yig'bduh u yiccorrompuh mahhom, halli mbaghad yahtfu il progett collu f'ideyhom u yzommu ghalihom infusom u tal classi dominatrici u sanghisuga tahhom mux biss il glorya, l'influenza u il popolarità izda il profitti immensi ucoll u lill povru haddiem li minn hdanu hareg' il progett ma yatuhx hlief lokma hasina b'xi zewg' xelini cullyum alla Dalli u yibkghu yisservew b'lahmu u b'demmu, bhala paria u palyett, insultat u mirfus ghall deyem, halli fuk l'idei ta bin il poplu, b'gharku u b'demmu u b'ghadmu stess yibnu it-Torri ta Babel halli itellghu fuku tperper il bandiera sewda tat-trionf u ta setgha egoista tahhom.

***

Yena nifem dan tayeb ghaliex yena ninsab sa certu pont fli stess situazion critica ta Ebeyer. Yena bin il poplu bhalu, yena inhobb bhal ma deyem habbeyt il poplu u il haddiem bhalu, yena cont haddiem u hdimt mincheb ma mincheb ma haddiema ohra bhalu, yena nifem u nhoss u naghder il bzonniet, it-tbatia u il miseria tal haddiem specialment bhalu. Bhalu meta Alla tani ftit dawl, meta Alla tani ftit gid bhalu biex insir indipendent mil hobzna ta cullyum u mil madmad ta min ikallghec x'tiecol u yorbtoc b'catina tkila ma rig'lu b'mod li la tista tahseb, titniffes yew titharrec, yena ridt nati collox l'ura lil poplu

b'mod li naghmillu ftit gid, li ndawlu u nmixxih il kuddiem mil yasar ghall fidwa, mid-dlam u il miseria ghad-dawl u il prosperità.

Ebeyer holok il progett tighu, progett praticu hafna, billi Ebeyer ù u chien costruttur u mghallem famus bhal ma ghad naraw fit-tul actar il kuddiem. Ebeyer holok dac li yifem fih sewwa u ghalecc il progett tighu ù tayeb tassew u giè approvat mil akwa u mil ahyar periti.

Yena il carriera tighi chienet deyem actarx intellettuali u educativa billi sa minn meta cont it-Tarzna apprentice tax-ship-wright, hrig't, ta erbatax il sena, wihed u erbghin sena ilu, zewg' giornali ghall fidwa u id-dawl tal poplu, wihed, ma Giusè Darmanin Demajo, imseyah il "Habib ta Cullhadd" u l'ihor, wahdi, "Is-Sengha". Dan waka billi il haddiem minn deyem ta deyem katt ma ried ighin bil ftit mezzi tighu il min yakbez ghalih halli ymixxih il kuddiem leyn it-trionf u il prosperità tighu, izda li malli tatih is-saba tal ghaynuna u tad-dawl tighu yahtaflec idec yecc mux drighec collu u yrid egoisticament yibilghec billi yippretendi li ghax ghandec kalbec tayba, u int altruista u generus, ghandec tinza sal flocc u il peduni li ycolloc fukec u tohrog' gharwien laham fi Strada Reale bhal ma irid yaghmel il Gross. Iridu li tatihom lil xi sacranazz u lil xi degenerat tan-nicotina yew tal alcool yew tal caffeina li yingombraw il banchini tal curitur Strada Reale bhal hafna fakiri hindoos li bhala parassiti fannulluni yisirku mix-xemx is-shana u li stimolu li ymissom yacquistaw legittimament u onestament mix-xoghol ghall bzonn yew ghall'idealità yew ghall'umanità. Ghalecc yena kbadt it-triek tal giornalismu u tal conferenzi u ta li Scola Tecnica.

***

Feyn ma nakbilx ma Ebeyer ù dana, mux fl'idea tal progett izda fit-tattica coll'a sbaliata tighu u ghalecc ma irnexxielu katt li yghaddi il kuddiem il progett tighu u halla il poplu u il fkir u il maghcus u il haddiem batut fil miseria li chien fiha u li ilu fiha ghal tant secoli twal.

L'ewel nett Ebeyer li chif ighiduli ghandu pension tayba u ma yonksu xeyn minn daru ma chienx imissu yfittex interess fil progett tighu billi dan serva ta scusa lill ghedewa tal poplu biex izommuh l'ura. Ebeyer chien imissu yuri generosità u disinteress actar u yaghmel il progett tighu patrimoniu publicu halli yimmortala ismu u yonkxu f'kalb il poplu ghani u mifdi ghas-secoli li geya. Dana li yrid yakla tant u yhaxchen tant fi xyuhitu meta ma ghandux bzonn u li yrid l'ura, ghad li ghandu dritt, il flus li hareg' biex yisviluppa il progett oscurawh hafna mal idealisti li chiecu chienu iduru ma dwaru u yghinuh u yithabtu ghalih halli il progett tighu yittrionfa. Izda billi Ebeyer deher kuddiem il poplu bhala speculatur li irid yati xi hag'a biex yakla xi hag'a ohra minna ma kankalx bizzeyed biex ighinuh dawc il ftit klub u mhuh altruisti u generusi li chiecu sabu f'Ebeyer idealista ihor bhalom chienu certament yahdmu ghalih wisk ahyar.

Ebeyer ghamel figura cherha ta interessat, ta ilhih, ta clubi, ta sfruttatur tal popolin u tal haddiem li minn fostom hareg' ua stess anche yecc f'kalbu u f'mohhu ma hassx ecc, u ghalecc billi irricorra ghall ghaynuna leyn sfruttaturi u speculaturi u egoisti u sanghisughi hasbuh wihed minnom u bdew mighu il lotta tal *bargaining*, tattig'bid u tal htif leyn min actar ù hayen u sargu, halli yehdulu cull ma ghandu sax-xaghar ta xifer ghayneyh u yatuh dakka ta siek fuk l'artab tighu meta yerdghulu sal kih cull idea, cull hsieb, cull sold u cull katra demm li ghandu. Li Ebeyer haseb li yista katt b'mohhu, b'hiltu, u bil mezzi limitati tighu yilghab loghba scacchi ma dal macacchi u imposturi fini u karrekin u yirbah ghalih innifsu u ghall popolin u ghal haddiem sbalya bl'icreh u wera li meta ghandu abilità tecnica cbira ghal dac li yilhaklu u li ù sargu u macacc u fin ma yiswiex tebket fwiedu.

Dac li chien imissu yaghmel Ebeyer ù dac stess li kieghed nipprova naghmel yen biex nara nistax nisviluppa ghall gid tal pais u specialment ta bin il fkir u il haddiem li Scola Tecnica.

Ebeyer ma chien imissu katt u katt yerhi il progett tighu f'ideyn il Gvern u la ta Strickland u lankas tal Labor u lankas specialment ta dac il Gvern Sahta u Sanghisug ta demm il fkir u mahkur tan-Nazionalisti. Dana ghamel *hari-hari* billi inxtehet ua stess bil progett tighu b'collox f'halk il Lupu gewhan u insaziabili. Ebeyer chien imissu isib bniedem intelligent u disinteressat u verament habib tal haddiema u tal fkir biex ighinu, mux yicteb, ghax chienu sgur ighawg'ulu l'idei principal tighu, izda li yati forma tayba u ciara tal progett tighu, u bil malti. Imbaghad yistampah collu segretament chemm yista halli hadd ma yisrakulu yew yiddistruggiulu u meta ycun lest u stampat bl'eluf, ixerrdu ma Malta u Ghawdex coll'a u fost il Maltin ta Barra ucoll, u yaghmel traduzion inglisa, u yibghat copii lil Gvern taghna mux biss izda lill dac tal Inghilterra ucoll u specialment lill akwa giornali inglisi bhat-*Times* u id-*Daily News*, etc, Dawn chienu sgur yistudiaw dan il progett specialment il giornali tal-Labor Party Inglisa u meta chienu yifmu u yaraw li ù ghall gid taghna chienu yiddiscutuh u yimbuttawh il kuddiem u bil kawa u l'influenza ta li Stampa Inglisa chien yitkankal il Parlament Inglis u yecc dana chien isib, bhal ma nitma, li dan il progett ù ghall gid tal Colonia Britannica, Malta, chienu sgur yinponuh minn fuk ghal isfel fuk il Gvern taghna u allura dana chien icolln, *volens nolens*, ghad-debbus u ghall incheya tighu in-nifsu yicciaklak sgur u yecc ma yaghmilx collox yaghmel almenu xi hag'a sgur u mux yitfa il progett fil caxxun u yonghos fuku wisk nibza ghal deyem yecc ma nitharrcux ahna u nxewxu legalment chemm nifilhu halli almenu l'Inghilterra u specialment li Stampa Inglisa tisma lehinna u tatina dakka t'id.

Billi Ebeyer stampa dac il librett bil Malti u kassmu katih biex yuri l'importanza tighu in-nifsu u tal corrispondenza twila u cbira li saret ghal dawn il hafna snin twal ma sewa ghal xeyn, billi chien sball ta procedura u ta tattica li actar fixchel billi ma chienx mahsub u mictub chif imiss.

Mela kabel inghaddu actar il kuddiem fuk dana il progett tant famus u important bhal ma bi hsiebni naghmel fit-tul sa nottieni xi risultat ghall gid tal poplu halli niccondensaw fi ftit cliem chemm yista ycun dac li gia ghidna halli tistampawh u tonkxuh actar fond f'mohhcom u f'kalbcom :—

(1) Ebeyer ù bin il poplu u wihed mil poplu u haddiem u habib tal haddiema u tal fkar u ghalecc katt ma chien imissu yirricorri ghat-trionf tal progett tighu ghand l'ghedewa naturali tal classi tighu li ua irid ighin, direttament, izda bi pressioni minn fuk tal Parlament Inglis u ta li Stampa Inglisa li billi il hobs tahhom ma yigix minn awn chienu iharsu leyn il progett mill punto di vista tal interess tal Gzira billi ù l'interess tahhom u mux tas-Sanghisughi Maltin specialment tal Gvern Nazionalista.

(2) Ebeyer chien imissu icun generus u disinteressat mal poplu u gia la darba ghandu bizzeyed biex ighix, chif gharrfuni, ma chienx imissu yokghod ihambak u yahli raghwa yiggebbed u yitlewem fuk per centaggi. Ebeyer chien imissu bena monument ghas-secoli li geya ghall memoria tighu billi yistampa il progett collu bl'inglis u bil malti bla ebda heba u secretezza ta xeyn u bla ma yissuggerixxi ghalih in-nifsu l'ebda profitt halli ma yohlokx difficoltà actar milli fih il progett stess, u mbaghad ihalli f'ideyn min ighinu yesegwih biex yisloh yew yarda xi hag'a minnu yecc dina ì tassew ix-xewka tighu.

Certament chiecu il Gvern ried yeseguixxi dal progett bid-diher chien icollu yaghzel il Ebeyer bhala Manager u direttur tax-xoghol tal progett collu u certament ta dana chien yigi irrimunerat almenu b'salariu tayeb sa ma ymut li chien yirrendilu bizzeyed biex yithallas ghall'idea u ittahbit u il flus li nefak.

Ebeyer kuddiem ghayneya u kuddiem ghayneyn bosta ohra yider bhala speculatur, bhala sanghisug li talli yrid yaghmel il gid lill poplu irid bil fors yarda xi hag'a sewwa minn fuk demmu u dana ytellef lill progett dic ir-raggiera ta generosità u ta idealità li Ebeyer, almenu b'ghakal yecc mux minn kalbu, chien imissu dawar u sebbah il progett tighu bih.

Izda Ebeyer katt ma chellu *chance* fix-xoghol tal ohxon u goff tighu yirraffina is-sentimenti tighu tal generosità u tal idealità bizzeyed biex yati collox cull ma ghandu generosament u gloriosament lill poplu u lill haddiem anche yecc dana, bhal ma deyem yig'ri, icun tant crudil u ingrat u egoista li ysallbu bhal ma ghamel lill Cristu ghall gid collu li ycun tah yew yixtik yatih,

(*Jissocta*)

Jecc thobbu lil xi hadd atuh "IN-NAHLA"

## The Crime of Vaccination.

*(Continued from no. 184)*

"I.—SMALLPOX IS WORTH PREVENTING"*—(Dr. McVail).

Two pages are devoted under this heading to a brief description of the terrible mortality from smallpox in pre-vaccination times, especially amongst children; but not a single comment is made on the terribly insanitary conditions also prevailing in those times, which caused black death, plague, leprosy, cholera, etc., to be quite as deadly as smallpox, or on the almost complete absence of public methods of dealing with these epidemic outbreaks. The reader is left to suppose that smallpox was such a terrible foe *before* vaccination simply *because of the absence* of vaccination. If that were so, the enormous neglect of vaccination amongst children in this country during the past twenty years ought to have resulted in devastating epidemics of smallpox. The fact that it has done nothing of the kind shows how fallacious it is to assume that the pre-vaccination prevalence of smallpox was due, in any degree, to the absence of vaccination.

Smallpox was a plague in pre-vaccination times, because those times were smallpox-inoculation times, pre-sanitation times, pre-Public Health Act times, pre-notification times, pre-hospital isolation times, pre-Port Sanitary Inspection times, etc., etc., besides being also times of great scarcity and want, arising partly from the fact that, during almost the whole of the eighteenth century, Europe was one huge battle ground, a condition which contributed both directly and indirectly, to the prevalence and spread of smallpox and other epidemic diseases.

And yet, although smallpox was in many cases, in former times, a terrible disease, so far as the individuals who contracted it were concerned, there is evidence to show that it had a beneficial effect on the health of those who survived an attack, and that, from the point of view of its effect upon the general death rate, it was by no means as serious a disease as other members of the zymotic class. "If survived," says Sir William Osler, "a terrible infection such as confluent smallpox seems to benefit the general health." ("British Medical Journal," July 5th, 1919, p. 7.) The disease has also been known to eradicate consumption! (Sir William Broadbent, "British Medical Journal," July 31st, 1895.) The following figures show that, when smallpox was very prevalent in this country, the deaths from the principal zymotic diseases, and from all causes, were actually below the normal, thus indicating (a) that the presence or absence of smallpox was either a matter of indifference in its influence on the zymotic mortality; or (b) that its prevalence was really a benefit on the whole in that its cleansing process reduced the liability of patients to subsequently contract other fatal forms of zymotic disease:—

England and Wales
Annual Death-rates per Million

| Period | From Smallpox | From Principal Zymotic Diseases | From all Causes. |
|---|---|---|---|
| 1861-70 | 162 | 4,254 | 22,500 |
| 1871-80 | 245 | 3,409 | 21,400 |
| London | | | |
| 1861-70 | 276 | 5,234 | 24,000 |
| 1871-80 | 457 | 3,865 | 22,400 |
| Scotland | | | |
| 1855-63 | 321 | 4,856 | 21,051 |
| 1864-75 | 224 | 5,036 | 22,419 |

We have no desire to minimize the horrors of the worst types of smallpox, but we submit that the foregoing figures show that there is no rational ground for the attempts which are constantly made by pro-vaccinists to terrorize the public by exaggerated descriptions of the disease.

It is interesting to note that Dr. McVail admits that "mild smallpox was also well known in pre-vaccination times, but in presence of the severe form it receives little notice from writers on the subject." This admission does not usually appear in pro-vaccinist polemical literature, because it does not fit the pro-vaccinist theory that mild smallpox is one of the outstanding results of vaccination. It is now made, no doubt, for the purpose of discounting the modern prevalence of mild smallpox amongst unvaccinated persons.

Dr. McVail closes his brief exposition of the horrors of pre-vaccination smallpox by asserting that "vaccination is efficacious alike against mild and severe smallpox." This brings him to his second and most important proposition.

"II.—SMALLPOX CAN BE PREVENTED BY VACCINATION."—(Dr. McVail).

Some twelve pages are devoted to the discussion of this proposition, and they are filled for the most part with arguments used in the previous editions of the "Facts" pamphlet. He begins by boldly assuring his readers that "the evidence of the power of vaccination over smallpox is probably as great as, if not greater than, can be adduced in support of any proposition outside the domain of the exact sciences."

When a man makes a dogmatic affirmation of this description, one naturally expects him to begin his argument by defining exactly what he means by the term "vaccination," and exactly what is the nature of its wonder-working powers. Dr. McVail (in common with most defenders of the rite) neglects to do anything of the kind. This neglect has always been, and is still, the strongest asset of the pro-vaccinists' case. They talk much of "Vaccination," and refer to it as though it were a clearly-defined thing which could be pinned to a table for examination. Anyone who tries to pin vaccination down in this way will find that he has taken on a job in comparison with which the pinning-down of a will-of-the-wisp would be simplicity itself.

It has long been commonly supposed (whether rightly or wrongly we need not here discuss) that one attack of certain infectious diseases affords some sort of "protection" against a second attack. That tradition, no doubt, led to the adoption of the former dangerous practice of *smallpox inoculation*, which was superseded by vaccination and is now a penal offence. It was thought that everyone was bound, sooner or later, to catch smallpox, and that it would be better, therefore, to give them a mild attack in childhood, and so make them less liable to a subsequent attack. This was the foundation on which Jenner sought to base cowpox vaccination when he asserted that cowpox was a mild and non-infectious form of smallpox. That Jenner's foundation was one of sand is proved by two things:—

(1) No evidence has ever been produced in support of the traditional belief that smallpox protects against smallpox. On the other hand, second attacks of smallpox are by no means uncommon, and there is statistical ground for believing that they occur more frequently than they should do on the doctrine of chances.‡ There is also evidence to show that second attacks are usually more severe than first attacks.

(2) Anyone who cares to look up the literature on the subject will find that not one tittle of scientific evidence is available to support Jenner's assertion as to the identity of cowpox and smallpox, while, an the other hand, ample evidence exists to show that they are absolutely dissimilar diseases. Neither the germ of smallpox, nor that of cowpox, has yet been isolated, despite decades of search by bacteriologists in all parts of the world.

In his address to the Members of Parliament Dr. McVail endeavoured to justify the practice of vaccination by affirming that it was in accordance with modern scientific knowledge of the prevention of infectious diseases. He said:—

"Jenner believed that cowpox was smallpox of the cow. His belief was scouted, but is now universally ac-

* The headings to the paragraphs, as quoted in this publication, are those used by Dr. McVail in his pamphlet.

‡ See the communication by Dr. Adolf Vogt, Professor of Hygiene and Sanitary Statistics in the University of Berne, to the English Royal Commission on Vaccination, Appendix to the Sixth Report, p. 689.

cepted, and vaccine lymph may consist of smallpox cultivated on the cow and turned into cowpox."

For some unexplained reason Dr. McVail has omitted this statement from his "Facts" pamphlet, probably because it belongs entirely to the realm of "theory". How Dr. McVail came to tell the Members of Parliament that Jenner's identity theory was now "universally accepted" passes comprehension. The article on "The Bacteriology of Vaccinia and Variola" in the Special Vaccination Number of "The British Medical Journal," July 5th, 1902 (to which number Dr. McVail was himself a contributor), clearly shows that—

"the etiology of smallpox is still, in the practically unanimous opinion of the entire medical profession, an unsolved problem."

Sir William Osler, in his work on "The Principles and Practice of Medicine" (5th ed. 1904), refers to the matter as follows :—

"Is cowpox a separate independent disease or is it only smallpox modified by passing through the cow? In spite of a host of observations, this question is not yet settled, as may be seen in the diametrically opposed views expressed by Copeman in 'Allbutt's System' and by Brouardel in the 'Twentieth Century Practioe'. . . . The French still hold to the Lyons experiments as demonstrating the duality of the diseases."

Vaccination was founded upon empiricism of the grossest description, and in that position it still remains. §

Again, it would appear, from later references in the "Facts" pamphlet, that, when Dr. McVail uses the word "vaccination," he really means "efficient" and "recent vaccination", though he takes care not to commit himself to any standard of efficiency or recency. Jenner and the early vaccinators achieved all their supposed marvels with one-mark vaccination, and they also affirmed that one performance of the operation would afford life-long protection. In fact, they even claimed that re-vaccination was not merely unnecessary, but impossible! The numerous failures of primary vaccination ultimately compelled the abandonment of this extraordinary claim, and it was then asserted that a second vaccination, at or about the age of puberty, was all that was necessary to renew the postulated protection. To-day the theory has again changed, and we are now told, on the highest authority, that "it is desirable that the operation should be repeated at the age of from seven to ten years, and thereafter, if it be possible, at intervals during later life." (Article "Vaccination", by Dr. S. Monckton Copeman, in the 11th ed. of the *Encyclopaedia Britannica.*)

It is strange that pro-vaccinists cannot see that this demand for the frequent repetition of vaccination claims too much and overreaches itself. If recent vaccination alone is protective, it follows that, all through the nineteenth century, the vast majority of the population must have been virtually unvaccinated; that it could not, therefore, have been vaccination which effected the diminution of smallpox that took place in that century as compared with the eighteenth; and that it cannot be vaccination which is now saving the people from the ravages of that disease. Moreover, if vaccination can be repeated so frequently (and evidence is available to prove that it has been successfully repeated on boys every three weeks), it is clear that it affords no protection against itself, and in that case how can it afford any protection against smallpox?

"We make no apology for stressing this point as to the disingenuousness of any defence of vaccination which omits to lay down exactly what is, and what is not, an "efficient vaccination." In the absence of this standard all vaccinations (no matter how old, or how new, or how indifferently performed) are assumed to be "efficient" as long as the possessors do not take smallpox. As soon as they do take smallpox it is then (and only then) discovered that their vaccination was too old, or too new, or otherwise, in a dozen or more different ways, inefficiently or improperly done. In a sentence—THE STRENGTH OF UNDEFINED VACCINATION IS THE STRENGTH OF QUACKERY.

If Dr. McVail denies this, we invite him, on behalf of the British Medical Association, to define precisely :—

(1) The parent stock of the matter that is to be used to inoculate the calf from which vaccine "lymph" is obtained? Is it cowpox matter, or horse-grease matter, or matter derived from human smallpox pustules?

(2) Is this parent stock matter to be used for every calf, and, if not, what matter is to be used to inoculate each calf from which vaccine "lymph" is obtained?

(3) What is the precise mixture of calf pus, water, glycerine, and other material that makes an efficient vaccine "lymph," and one that is also safe? What other materials are used?

(4) How many vaccine sores must be made, and what size must the scars be for successful and efficient vaccination?

(5) At what age ought primary vaccination to be done?

(6) For how many weeks, months, or years will this vaccination protect a person against smallpox who comes into close contact with smallpox cases, as in the case of a nurse in a smallpox hospital in which there are continually smallpox cases?

(7) How often ought everybody to be re-vaccinated in order to stamp out smallpox?

In short, we invite Dr. McVail to lay down a precise definition of the variety of "vaccination" which he claims to be a preventive of smallpox. We do not think he is likely to make the attempt, because to do so would be to impale himself on the horns of a dilemma. If he makes his definition very precise, it will be obvious from its terms that few, if any, people possess the defined "protection." On the other hand, if he makes it very wide, its disingenuousness will be so manifest as to excite ridicule; and yet it is clear that, until "vaccination" is fairly and fully defined, all argument about its ability to protect against smallpox is mere bigotry and superstition.

With this preliminary protest we pass on to a brief review of the "Facts," which seem to Dr. McVail to provide "unequivocal and unvarying" proof of the value of "Vaccination".

*Published by*

THE NATIONAL ANTI-VACCINATION LEAGUE

*(To be continued)*

—o—o—

## IL HBIEB TAN-NAHLA

Il habib ghaziz tighi u cugin ma uliedi, is-Sur Giuseppi Inglott, bin il Cavalier u mux it-Tabib intelligent u onest Giuseppi Inglott, li mischin yinsab f'kieh ta sodda ghal tliet snin shah, fost ugih cbir, bhala vittima tal inioranza tat-tobba li ipprovaw yiccurawh u li cull ma ghamlu chien biex gharrkuh actar sa wassluh fli stat miseru li yinsab fih ghad li yista yigi iccurat b'mod li ykum mis-sodda bla ugih u ycun utili mil g'did ghalih in-nifsu, ghall familya tighu li tant ihobb u li deyem habb u li issacrifica ruhu eroicament ghaliha chiecu min ked yehu cura tighu yaghmel dac li emm bzonn u chif imiss. Yena chelli f'San Diego il cas ta Mr. Coats li chien wisk u wisk aghar minn dan billi l'articolazioni chienu anchilosati (yebsin) u wara sitt xur cura chif tmiss kayimtu fuk il crozzi bla ugih, u fetah ufficiu ta broker b'xebba stenografa tghinu u l'ahhar li raytu chien ked yakla x'yecol sabih tassew. Fuk dana il Martiri tal Injoranza Medica Maltia, fuk dana il Vittima innocenti tal Pregiudizi u tas-Superstizioni medioevali ta hafna Midilca li ghandna sfortunatament f'dal pais li ma ux hlief *terra miseriae et tenebrarum* ghad nitchellem fit-tul u nfehimcom hag'a b'hag'a chif tnisslet il marda tighu, ghala, chif fil bidu setghet tfeyket f'kasir zmien chiecu chien f'ideyn min yifem yew chiecu fl'Università hrafa taghna tghallem chif yiccura ruhu sewwa bla tbaghbis ta tobba inioranti u medioevali li floc l'idei ciari tax-xienza moderna ma ghandomx hlief hafna ghankbut mahmug' f'mohhom imghobbi bit-trab tal inioranza u tal fanatismu tas-secoli.

Nisthayel tghiduli: Mela la taf dan collu u tista tghinu ghala ma tghinux mil ahyar li tista? Chemm int kalbec hazina u cattiv li billi ghandec x'taksam ma mar-

---

§ Further information in regard to the nature of the various "lymphs" which have been used from time to time for vaccination purposes will be found in the pamphlet entitled "An Inquiry into Vaccine Lymph," published by the National Anti-Vaccination League.

tec, ohtu, u mal familya tighu ked thallih isofri u ymut b'agonya crudila u lenta, irkik irkik.

Yena pront biex nirrispondi, ghax naf li dina l'accusa gia saret, bla ebda difficoltà ta xeyn u nitma li tatuni ragiun. Yena lil Giuseppi deyem habbeytu tassew minn tfulitu u ammiraytu ghall intelligenza, ghall onestà, ghall ghakal, ghad-diligenza, ghall imhabba leyn il familya, ghall modestya, ghall kalb hanina, ghall fomm siechet u prudent tighu. Giuseppi Inglott bin Gian Felic ù perla bhal missieru, u ghalecc forsi waka f'halk it-tobba li rvinawh.

Malli wasalt Malta mort narah bit-tama li niehu il cas tighu f'ideya u nsalva minn naufragiu dac li nista. Meta rayt li hallewh yasal f'dic il miserya li tislet id-dmuh u taghfas il klub hasseyt bhal dakka ta stallet f'kalbi u bhal hedla f'gismi izda ma ktaytx kalbi li naghmillu ftit gid. Sibt tabib yimlih bil morfina, il velenu terribili li yiddegenera mux biss il gisem izda il mohh ucoll. C'anfartu u fehimtu chif sata yfeyku b'metodi natural u yghinu ftit ahyar almenu halli yista yorkod. It-tabib accetta is-suggerimenti tighi u kalli li yerhi il cas f'ideya yecc irrid. Yena accettayt u sahansitra offreyt li nhallas li speyes coll'a minn buti. Izda feyn ù ma emmx cumdità bizzeyed u ghalecc issuggereyt li nihduh ghand il Blue Sisters. Chellom yictbuli fuk dan, ma chitbuli katt. Meta niltakghu emm niggieldu fuk ohtom u ninquietawh. Tlabt lit-Tabib Boffa biex ingibu awn krib feyn nista nilhku ahyar. Ma ghandux cumdità ghal cas bhal dan. X'nista naghmel ahyar biex inghinu chif nixtiek ?

Izda ghal-lum bizzeyed fuk il Martiri Giuseppi Inglott ; illum seyer ingib din l'ittra tal cugin tighu, is-Surmast tal Inglis fil-Liceo :

38, Via Misida, Hamrun,
14th. Jan. 1928.

My Dear Professor,

Allow me to express my appreciation of your publication, In-*Nahla*. I had never before read any of the old numbers of your Review, and, if the past publication approached in any way the issue of to-day, there is little to be wondered at that your very many friends have insistently asked you and encouraged your retaking its publication. In-*Nahla*, as appears to-day, is easily, in my humble opinion, the best publication in the country, as, every bit of it is most interesting, and, one cannot help admiring your wonderful versatility. Indeed where I see a genius, even as a reflection of God Almighty, I have to admire him ; hence my admiration for you.

The pity of it all, however, is that your Review, so far, cannot reach the English Speaking Section of the country by which, I am sure, it would meet with a great appreciation, and, the more so that your valuable paper is free from venomous attacks against your enemies. Permit me again to thank you for your Review *chuck-full* of useful information. Yours Sincerely, Jos. Inglott.

Certament is-Sur Inglott, (hu Amadeo l'Assistent Commissariu) esagera hafna meta sahansitra seyahli " geniu " izda yena gibt l'ittra ghax naf li ù sincier u onest u li Inglottiet deyem yesageraw l'impulsi tahhom tayba yew hziena. Yena napprezza hafna u nghozz tassew il giudiziu tighu billi mux biss ù giuvni intelligentissimu bhal ma uma tista tghid Inglottiet coll'a izda chellu ucoll educazion mil ahyar billi chien kabel ghal Gesuita u studia fil culleggi tahhom Barra ghal hafna snin twal. Fost collox Giuseppi yitchellem tassew tayeb bl'inglis u b'facilità u bi pronunzia li ghal Malti u ex-gesuita li studia fl'Italya ì hag'a li tghagg'bec tassew. Nammirah ucoll ghax yitchellem ma cullhadd bl'inglis bla ma yisthi u b'ecc izomm il-lingua haya u msanna tlekk deyem ghall usu.

Chiecu cullhadd chien yaghmel bhalu l'ilsien inglis chien yittrionfa f'kasir zmien u conna nistghu actar nutilizzaw l'importanza tighu. Grazzi, Gius, ghax naf li minn kalbec u nafulec katih.

—o—o—

## IL CONFERENZI FIL BERAH

Il Hadd li ghadda it-temp iffavoriena tassew u ghalecc il conferenzi li ghamel il Prof. Levanzin irnexxew tassew. Il Professur ghamel tneyn floc wahda bhas-soltu, u it-tneyn quasi ta saghteyn shah bla ma yitlef chelma wahda biss, kiesu caterpillar fi zmien il guerra. N'ar-is-Sibt u il Hadd li geyin seyer yamel tlieta. *Crescit eundo*: Actar ma immorru il kuddiem, actar izid sa chemm il poplu yakla dac li ghandu dritt u bzonn.

Fil Piazza tal Hamrun chien emm mal elf ruh u il Professur tchellem fuk il Land-Tax, fuk li mux sewwa li il fkir ihallas sa taxxa fuk il hobz li yecol fil hin li il ghonya li xtraw art bi rhis u li issa tiswa mitkla deheb bil milioramenti li saru ma dwarom minn fuk it-taxxi, id-demm tal poplu, ma yhallsu l'ebda taxxa fuk din l'art. Emm bzonn li il Gvern yaghmel dit-taxxa u yebsa chemm tista tcun mil actar fis.

Tchellem ucoll fuk taxxi ohra li emm bzonn biex nipprotieg'u u nincoragixxu l'industrii taghna billi naghmlu daziu kalil fuk cull ma yidhol min Barra li nistghu nipproduciu u naghmlu ahna. Sahak u hambak hafna biex isiru taxxi kliel fuk dawc il hweyeg coll'a li keghdin yidhlu fil gzira biex igharrku ir-ruh, il gisem u il but tal poplu u specialment tal haddiem bhal ma uma il licuri, l'imbit, il cafè, it-te, il medicini patentati, il halib tal bott, il canned foods, l'estratti kziez tal laham, il helu ta Barra, it-tabacc, il profumeria, il lussu fi lbies specialment tan-nisa, etc., igifieri dac collu li nistghu liberament inghaddu minnghayru b'gid biss ta ruhna, gisimna, bwietna u il paci u il progress taghna billi nhallu il ftit flus li nakilghu yiccircolaw fostna u mux nohorg'uhom mil gzira biex isemmnu is-Sanghisug Frustier. Il Prof. gie applaudit hafna.

Fil meeting ta Rahal G'did fuk it-Tilkim tal Gidri chien hemm wisk actar minn elf ruh u bla *claque*.

—o—o—

## TLIET MEETINGS CBAR

Il Prof. Levanzin seyer yaghmel dawn it-tliet Meetings cbar fil berah biex ighallem u yiftah ghayneyn il poplu u biex yara yistax ikankal ftit tax-xoghol biex itaffi il hafna kghad u ghacs li ybicchi li awn :—

(1) N'ar is-Sibt li gey, it-18 ta dana, fl'4 ta wara nofs-in-n'ar, fil Piazza S. Paul tal Hamrun, feyn il Corp tal Ghassa, fuk " IT-TILKIM TAL GIDRI " halli nithabtu biex il ligi obligatoria li ghandna naghmluha volontaria bhal l'Inghilterra. Il Professur ifisser ucoll x'inuma il mard, il microbi, id-deni, il gidri u l'ahyar mod biex ticcurawhom bla tobba u bla medicini.

(2) N'ar il Hadd li gey, id-19, fil 10 ta filghodu, fil Misrah taz-Zeytun fuk IL LABOR PARTY U IL HADDIEM biex nuru ciar li il leaders ta dan il partit ma umiex yakdu bizzeyed dmirom mal haddiem u il fkir.

(3) N'ar il Hadd li gey, id-19, fl'4 ta wara nofs-in-nhar fil Piazza ta Rahal G'did, fuk IL PROGETT EBEYER U IL GHACS LI AWN halli nrossu il Gvern u il Labor Party legalment halli yakdu dmirom u ysostnu il weghdiet tahhom li yakilghu ftit xoghol sewwa halli ytaffu il ghacs li awn. Hallicom mil hmeriet tal Carnival ! Eyew halli titghallmu xi hag'a ta feyda u halli nkanklu ix-xoghol.

—o—o—

## LEVANZIN IL FANFARUN !

*Lil Ginu Muscat-Azzopardi tad-Dr. Xecchec*

Id-Dottor Eugene Brown u il mara tighu id-Dottoressa Clara Brown uma tneyn mil actar tobba capaci u popolar f'Los Angeles, California. Dawn taw dan it-testimonial spontaneu lill Prof. Levanzin :

April, 18, 1924.

Dear Friend,

"It has been a great pleasure to learn where we can reach you by letter, as both of us have been anxious to tell you how grateful we are for the invaluable lessons we learned by our studies under you, both at the College, and in your office ; and for what you did for both of us thru your wonderful dietic instruction.

"As you will remember, I was a sufferer from endocarditis and mitral regurgitation, was in a terrible condition from acidosis and general toxemia from wrong living. All the years of chronic catarrh, neuritis, constipation, stomach trouble, hay fever and asthma, etc., had finally culminated in tuberculosis, and I knew,—quite as well as you,—that barring a miracle the col-

lapse must come soon. Dr. Clara's case was perhaps even more serious, as to the many ailments afflicting me was added in her case the picture of gastric carcinoma.

"Today we are both well, vigorous, youthful,—tho both well past fifty,—and a marvel to all who knew us in the old days. I feel younger now than at thirty-five. After twenty-five years of rheumatism I can, as stated in a local paper at the election—when I ran for Councilman—kick your hat off so easily as I can shake hands with you."

"In our practice, together with various organization work, we are busy from fifteen to twenty hours daily and thriving under it, We find the things we learned from you are miracle workers; we get results that are amazing.

"We have studied many writers upon dietitics : Eales, Lindlahr, McCann, Christian, etc., but we always say to patients and colleagues who ask us where we learned these things, that our most fundamental truths were taught us by Professor Levanzin. And as a result of our personal experience and observation and experiment in practice we look upon you as one of the world's greatest students and Masters of Dietology."

Sincerely Yours,

Drs. Eugene and Clara Brown

Sur Gin, yecc trid tivverifica yecc din l'ittra klaytiex minn zniedi yew yecc iniex ghiddieb f'dac li ctibt fin-*Nahla* bhal ma attaccaitni fil paliazza mahmug'a tighec ser natic l'indirizz ta dawn iz-zewg tobba rispettabili—139 West 52 nd. Street, Los Angeles, California—biex tcun tista, yecc trid int yew xi mischin ghayur tictbilom u tivverifica il verità tal fatti.

Ghandec forsi xi habib tabib yew spiziar, minn dawc il viliacchi li yitfghu il hag'ra contra tighi u il verità u yahbu ta g'weyef li uma idom il mokzieza fil "Hmar" specialment u fil "Malta" u fil "Chronicle" u fix-"Xecchec" tighec feyn it-tobba yimlewlec rasec bil hmeriet u bil ghideb halli ta balalu u bahnan twaddabomli ma rasi biex tisfoga l'odiu personal tighec leya u leyn in-*Nahla* li kieghda tant taktaghlec sakayc, li yista yuri testimenials bhal dawn u minn nies bhal dawn? Il gheyra i bazwia et *Veritas est una et praevalebit.*

—o—o—

## IL GROSS GHANDU RAGIUN !

Yena ghadu politicu u personal tal Gross talli attaccani ecc bl'icreh meta cont imsiefer u bla basi ta verità u ghall hsara li deyem fittex yaghmilli. Yena mux biss ma nakbilx mal politica tighu izda lankas nahmel lilu quasi f'cull ma yghid u yaghmel. Izda yena fli stess hin onest u giust u indipendent chemm nista ncun u ghalecc meta nifem li ghandu ragiun natiulu bil kalb coll'a, lilu u lill ghedewa tighi coll'a li yahhmluli hsara chemm yifilhu.

F'il "Midday" tat-13 ta Frar deher articolu intitolat "Affidavit and Leaflet" li minnu yirrisulta, yecc ù veru, dana:—Dr. C. Mifsud Bonnici produced a leaflet for whose contents Prof. Bartolo is responsible, which was spread at the last hours of the last days of the elections of 1924 wherein the electors of the IV District were dissuaded to register their votes in favour of Dr. C. Mifsud Bonnici because the latter gentleman was an atheist. One ot those leaflets, of which there were thousands and thousands, was laid by Dr. C. Mifsud Bonnici on the table of the Legislative Assembly during his speech. What English residents should resent is that the above leaflet was spread by the Constitutional Party under the cry, printed even on the leaflet of *Long Live England*". The leaflet was anonymous and meant to be clandestine printing, which is prohibited by the law."—Montanaro, the Chairman of the Committee attempted to deny the very existence of the leaflet. There and then the leaflet was laid on the table.".....“Prof. Bartolo only alluded to it to state that he was not respodsible for its publication though responsible for its contents."

Il Gross ghandu elf ragiun meta yicteb :—"What is sauce for the goose is sauce for the gander. If the Bono affidavit is hideous, the leaflet, is hideous, if the affidavit is a vile slander so is the leaflet, if the affidavit describes a base and vulgar political move the leaflet is just the same. Dawn il porcherii schifusi ma ghandom isiru minn hadd u minn l'ebda partit.

## FRAC U TLAAKKIT

—Lord Strickland kala it-titolu mil Inghilterra ta "Baruni ta Sizergh Castle u ta Malta" u b'ecc isem Malta seyer yibka yissemma ghal deyem imghakkad mal familya Strickland li ghamlitilna tassew unur cbir billi tatna dan il Malti distint.

—The search for truth is the noblest occupation of man ; its publication a duty ! Midday News.

—Il Midday chiteb li it-tliet membri tal-Labour fil Consill kabel telghu iffirmaw ir-risenya tahhom f'ideyn il Cumitat Esecutiv, bla data, biex dana meta yidirlu yippresentaha lil li Speaker u ywakkahhom. Nixtieku nafu minn ghand is-Sur Orlando, is-Segretariu tal Cumitat, yecc dan ux minnu.

—Donni cont sahhar ftit ilu meta ctibt fin-Nahla fuk ix-char-a-bancs u ghidt li uma doyok hafna u li ygerru bla hniena u bla drivers capaci billi wahda minnom inkalbet fil Principessa Melita Road u chien miraclu li ma miet yew corra seriament hadd mil bahrin li chien fiha. Emm bzonn li il Polizia tihu din l'affari actar seriament. Il carrozza tchissret frac !

—Il Gvern ghadda ligi li meta il haddiema icunu gia resku fuk ix-xoghol u tibda niezla ix-xita u ma yistghux yahdmu actar yehdu il paga coll'a. Taht in-Nazionalisti chienu yehdu il quart biss. Din ì bicc'a sewwa hafna li ghamel il Gvern wara il pression tal Labor.

—Il Gvern kal li seyer yordna it-tipi speciali tal Malti. Dana yfisser li seyer yusa ittri bit-ticchi bhal ma uma tal Ghakda. Dana ù sball cbir u contra l'interess tat-tfal tal ischeyel li yridu yitghallmu bl'Inglis.

—C. M. Guine hareg' fil "Hmar" favur l'infamya mokzieza tat-Tilkim tal Gidri, izda billi yaf ben tayeb li dic li statistica li gieb ma ix corretta u mharbxa apposta biex tkarrak b'min ma yifemx heba viliaccament il veru ismu. Dan ù forsi xi wihed minn dawc it-tobba mgewhin li ma yistmerrx inigges id-demm pur ta tfal innocenti biex idahhal f'butu xi tmintax irbighi. Yecc yehu pacenzia nuruh la naslu fli statistica li dac li kal mux corrett. Fli stess hin lil dal mascarat codard nitolbuh yicconfuta bid-documenti il dawc il hafna autorità famusi li semmeyt yen u li actar ghad irrid insemmi il kuddiem. Yipprova per esempiu li it-tilkim ma ux sifilide modificata ? Li chien onest chien yuri wicc'u u yicteb fin-Nahla halli yakrawh l'istess nies. Izda biex ma yurix li ù persuna interessata fit-tilkim ippreferixxa yinheba wara il "Hmar", il habib tal poplu u tal haddiema !

—Bi hsiebi nitchellem fit-tul fuk il gharucaza ta balliet li kieghdin isiru fil Club tal Labor ta Rahal G'did specialment u fi clubs ta haddiema ohra feyn biex yeducaw il haddiem u yissollevawh ftit mil miserya u il ghama li yinsab fihom ma yafux yatuh hlief alcool li ygharraklu ruhu, gismu, butu u il paci tal familya tighu. Dawn il Clubs emm bzonn li yinkerdu billi ma umiex hlief centri ta degenerazion u ta corruzion tal haddiem. Fihom quasi ma issib katt rivista yew ctieb suret in-nies u biex ikieghdu giornal fuk meyda yittalbuh b'xeyn, u ghall giehna il President ù l'Onor. Dr. Boffa.

—Dic il paliazza mokzieza u immoral li chien fiha dac l'articolu oxxen u li ykazzez fuk il pastizzata u li mhabba f'dan il giornalista disonest u pastas wehlu ucoll bla htia xi giornali ohra u il Polizia ghada ma kdietx dmira scond il-ligi billi tipprocedi contra tighu ghall'immoralità bhal ma ymissa, rag'a ghamel ghalia bil ghideb u l'infamya tal calunnya ghad li gia wahhaltlu zewg' libelli. Dan l'ahhar semma ix-xoghol li cont ctibt fuku meta hrig't in-Nahla il kadima. Yena ctibt fuk dac ix-xoghol ghaliex is-Sur Fortunatu Mizzi, l'ex Direttur tal "Cottonera" u cugin Neric Mizzi, li dac iz-zmien chien contrattur mal Militar u issa yinsab f'Santu Spirtu, l'Imdina, u ghalecc yista vahlef dana, chien mux biss gharrafni bix-xoghol u kawieli kalbi biex nicteb fuku izda chien urieni ucoll il corrispondenza li chellu mal inginier li chien awn mibghut mil Inghilterra biex yistudia dac il progett grandius u yirrapporta fuku. Yena katt ma weghidt xoghol il hadd u min gie ghandi gie min yeddu. Yena katt ma hadt habba tal cruc minn ghand hadd biex inkabbdu yahdem f'dac ix-xoghol. Yen ctibt biss fuk li informani il cugin ta Neric Mizzi. Dac ix-xoghol ghad li ghadu ma sarx, ma chienx holma ta rasi sgur. Yena bhala giornalista tayt l'informazion li tani Fortunatu Mizzi, cugin Neric, u ma dahhalt xeyn fil but. Yen cont sincier fli ctibt.

—Gie f'ideya circolar mahrug mis-Segretariu G. Orlando tal Commission tal Partit tal Haddiema biex yesaminaw il Progett Ebeyer li issa ù f'ideyom biex imixxuh il kuddiem u li tghid biss: li yecc il Progett tas-Sur Gaudenz Ebeyer isir icun ta hafna xoghol u ta vantagg cbir ghall gzeyer taghna. Bravi, che novità ! Bhalli chiecu dan ma ilux ighidu cullhadd is-snin il cbar.

Imbaghad li il Progett ù mkassam fi tmien punti ! l'ewel erbgha connessi ma xulxin. Bravi x'gherf ammirabili u chiecu chien imkassam f'sebgha, Sur Champion tal Gaelic chien icun aghar yew ahyar? U hey! ticconcludi billi tirraccomanda lill Gvern li yatih il cuntratt bic-cens, il privativa u il permessi mehtieg'a ghall items 1, 2, 3, 4, 5, 7 u 8. U ghala le ghas-6? Bravi x'interess cbir ha il Labor biex imexxi dan il Progett occ ta gid ghall poplu. Ghax ma yusawx ftit pression il pupazzetti halli l'affari timxi sgur u actar malayr? *Parturiunt montes.*

—Irrid nifrah b'kalbi coll'a lil Avucat intelligenti u onest Filippu Pullicin billi gie mahtur bhala Avucat tal Curuna floc Victor. Il Gvern ma satax yaghmel ghazla ahyar u actar bil ghakal u dina in-nomina giet mux biss approvata izda applawdita minn cullhadd. Ftit xur ohra u yena sgur yaghmluh imhallef bhal missieru li chien mux biss gieh cbir ta Malta izda ucoll wihed mil acbar hbieb tan-Nahla li chien yakraha coll'a cull numru u li fahharni hafna ghaliha b'certificat li tani kabel ma mort l'America. *Good luck to you! Qualis pater. talis filius.*

—Il Gvern seyer yonfok is-somma sabiha ta tlietin elf—(£30,000)—lira sterlina biex yibni sptar g'did. Dawn uma coll'a flus mohlia billi dac li ghandna bzonn f'Malta ma ux tant il-local chemm il personal capaci u efficient. Chiecu il poplu yigi mghallem chif imissu chif ghandu yghix u yecol igienicament u chif ghandu ifeyak il mardiet z'ghar bil mezzi naturali bhal ma yaghmlu Barra chiecu anche li Sptar li ghandna chien icun bizzeyed. Iz'da bil metodi ta medicina antiquata tal medio-evo li isegwu it-tobba quasi coll'a taghna u bil biccieria tal operazioni li ma emmx bz'onnom ma ndumux ma ycollna bzonn ta Sptar wisk acbar minn dac li ser yimbena. Almenu cull deni fih xi gid—inhaddmu ftit tan-nies.

—Nitolbu lis-sur George Zammit tal "Midday" li ma ygeghilniex naghtsu actar bil poesii bislacchi tighu. Yecc il "Midday" ma ghandux "copy" bizzeyed biex yimla il ftit u mseycnin facciati tighu nibaghtu ahna lii dan il moribond ftit mil hafna "copy" li ghandna fuk ir-rih halli ntaffulu ftit il horhara tal agonya dolorusa tighu. Eh! Zammit ara yakbdec Shelley ghax itawallec widintec actar minn ta hmar...

—Gharrfuni illi dac li kighed idahhal u ixerred tant medicini patentati mokzieza u dannusi f'Malta b'tant hsara lill poplu u specialment lill haddiem ù certu talian li mux biss gie awn ghaynu barra u staghna illum tassew minn fuk demmna tant li ù proprietariu ta zewg' spizerii feyn ihallas hazin spiziari u compounders maltin biex ighattu li speculazion dannusa tighu, izda li ù ucoll yindahal fil politica taghna favur naturalment in-Nazionalisti u li chif ighidu ha parti attiva hafna u hafna fl'affari ta Terinu, anzi awn xniha li il complott sar fli spizeria tighu ta tas-Sliema. Nixtiek li Strickland yivverifica dal fatti u yecc uma veri yiccastigah chif hakku u yara chif yehodlu il gid li rada minn fukna u mbaghad yatih dakka ta siek u yibaghtu leyn paisu gharwien chif gie. Feynu il "Chronicle"?

—Fi Sierra Leone il Gran Brettania helset li-rsiera mil yasar.

—Fl'1927 gew stampati fid-dinya 13,810 ctieb! Fostom 3,368 romanz!

—Yena ucoll tal fehma li ghandu isir daziu protettiv fuk dac li yigi minn Barra u li yista ysir f'Malta.

—Dan li chiteb il "Chronicle" ftit ilu ù collu minnu billi yena g'arrabt il killa tighu coll'a sa kerduli il paci u l'armonia ta dari u tal familya tighi u minn fuk tawni tort. In-Nazionalisti waslu f'eccessi l'actar coroh u approfittaw irwihhom viliaccament mil immunità tal Parlament. Sir Ugo insultani chemm felah b'attacchi li ma umix basati fuk il verità u li nisfidah yipprova kuddiem il publicu bla ma naghmillu libell. Neric Mizzi ghayarni ucoll "turpe" fil Parlament, ingiuria gravi li katt ma ycollu il curagg' li yarg'a ytenni illum li ninsab awn. Fiex yafni "turpe" lili dan li smargiass? Yipprovali l'ankas tebgha fil haya privata tighi yew publica. "Were some bold spirit to raise his voice against Nationalist principles he was subjected to, attacks in which all the venom, ferocity and invective of which man is capable were concentrated". Veru, verissimu. U yonfru meta nseyhilom clieb!

—Harg'u tassew ta buffuni l'Avucati u il Procuraturi Legali li ipprotestaw irwihhom contra l'agir tal Gvern fuk l'affari Frendo-Azzopardi kabel ma chienu informati sewwa mil veri fatti bhal ma uma issa billi il Gvern kieghed fuk il meyda tal Consill id-documenti coll'a bla biza u heba ta xeyn. Dawna il hafna legali nazionalisti imsahhnin u moghwiin belghu is-sunnara u ivvomitaw il marrara hadra tahhom contra Strickland. Issa x'seyrin yaghmlu yecc yippretendu li ghandna nistmawhom ta gintlomi u bhala ic-champions tal onestà u tal hakk? Yaghmlulu apology-a u yippresentawhielu gharcopteyom? *Parturiunt montes...* buffuni!

—Bosta staksewni ghala ma ghadnix nati ix-xewca lill Gross bhal kabel u hasbu li bzayt mil figura falstaffiana u mastodontica tighu. Le, is-Sancho Panzas ma ybezzghuni katt, izda is-sittax il sena li kattayt Barra ma nies veri rgiel u ta carattru ghallmuni ncun *sport* u a *gentleman*, igifieri li meta tara il xi hadd fl'art, *down and out*, la tirfesx il mischin ghax tcun a *cad*, izda ghinu yew hallih ikum u yitfarfar u yhocc il gundalla u meta tarah gie f'sictu ibda allura ilghablu chemm tiflah mil g'did. Il mischin, bid-dakkiet li kala u li ked yakla u li ghad irid yakla minn ghand Strickland u shabu yinsab sfinit bhal ma yixdu l'articoli tal velenus u infami u ghiddieb "Midday". Ghall Gross, dal mument, ma nhossx hlief ghalih pietà cbira. Li sfida, li nibka nistampalu sa yghiddeb ruhu yecc ù onest, ghall issa ì bizzeyed. *Parce morituro!*

—Maria Buhagiar, seftura mal Culunell McKean u mal Barunissa Inguanez giet mil Magistrat Serafin Vella rimessa f'ideyn l'Avucat tal Curuna biex tghaddi giurì billi ì czata li halfet fil falz fil cas ta Terinu. Il Hakk ked yilhak bil mod il mod il cull min ha sehem f'dac id-delitt infernali li c'appas l'isem ta Malta bil kziez u bl'infamia ghal deyem. Alla ma ihallasx bin-n'ar ta Sibt!

STENBAH YA POPLU!

u berrak ghayneyc halli tintebah chif, specialment is-Sanghisug Barrani, ked yerdaghlec demmec u yislohloc flusec u yekridlec haytec u hayet uliedec kabel il hin, billi yavvelenalec gismec, billi yirvinalec ruhec, billi ydahdahlec mohhoc, billi yhawadlec kalbec, billi ygieldec ma martec, ma uliedec, ma hbiebec, ma minn ihaddmec u ykallghec il flus, bid-Demonii tax-Xorb, tal Cafè, tat-Tè, tal Helu, bid-degenerazion u il velenu tan-nicotina tattipyip, bil medicini li ma umiex hlief veleni, bil halib tal bott, li ma ux hlief kziez imrang'at bil vitamini u is-sali organici necessarii ghas-sahha u il haya mekruda, bl'estratti tal-laham, bil *canned foods*, etc.; u dil hsara u kerk u serk fil wicc' collu biss biex thaxcnu but il Ghadu Barrani! Ya Boloh stenbhu!

IFTHU GHAYNEYCOM!

Il medicini patentati coll'a chemm uma ma umiex hlief kerk schifus u serk sfacciat. Dawn actar igharrku is-sahha milli yfeyku, billi izidu il veleni u il kziez fil gisem marid. Min yistampa ir-reclam tahhom fil gazzetta tighu, min yakla flus billi yinnegoziahom, min yippreserivihom, min yirraccomandahom u min ibihom ma ùx onest u habib tal poplu ghax yafu coll'a li dan ù negoziu fraudolent biex yapprofittaw irwihom legalment mil inioranza tal poplu halli yhaxcnu but il frustier, dac il frustier li tant hadem contra Strickland u shabu u il Compact u sahansitra, chif ighidu, ha sehem fil porcheria Terinu.

Tcunux boloh! Thallux min yerdghilcom demmcom biex tahyu il frustieri u l'ghedewa taghcom!

**LILL AVUCAT C. MIFSUD BONNICI**

**narg'a ntennilu li sfida li ghamiltlu fin-numru 180 biex johrog ta ragel u jipprovali il verità tal attacchi tighu contra tighi fil "Patria" u nibka naghmilielu f'cull numru sa chemm jew jipprova jew jiddichiara ta onest u galantom li ma kalx il verità.**

U,nione Tipografica Maltese" 28, Sda.Cristoforo, il Belt